MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 710/2004

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Carmelo Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Marzu, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u disgha u tmenin lira Maltin u centezmu (Lm489.01) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni ma' servizz telefoniku li igib in-numru 21691421 (AT6970/85 a/c 10003626) liema servizz gie installat fil-fond bin-numru ufficjali Blk 3, Binja Minzel, Gebel San Martin, Zejtun, skond diversi kontijiet mibghuta lilu, prospett anness ma'l-avviz u immarkat bhala Dokument A u kuntratt relattiv immarkat bhala Dokument B.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokuemnti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u disgha u tmenin lira Maltin u centezmu (Lm489.01), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------